

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Frar 2013 — EuroChem MCC vs Il-Kunsill

(Kawża T-84/07) ⁽¹⁾

(“Dumping — Importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u nitrati tal-ammonja provenjenti mir-Russja — Talba għal reviżjoni ta' skadenza ta' miżuri — Talba għal reviżjoni interim — Ammissibbiltà — Valur normali — Prezz tal-esportazzjoni — Artikoli 1, 2 u l-Artikolu 11(1) sa (3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (li saru l-Artikoli 1, 2 u l-Artikolu 11(1) sa (3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009)”

(2013/C 101/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: EuroChem Mineral and Chemical Company OAO (EuroChem MCC) (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: inizjalment P. Vander Schueren u B. Evtimov, avukati, sussegwentement B. Evtimov u D. O'Keefe, solicitor)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. P. Hix u B. Driessen, aġenti, assistit minn G. Berrisch, avukat)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. van Vliet u K. Talabér-Ritz, aġenti)

Suġġett

Rikors għall-annullament ippreżentat kontra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1911/2006, tad-19 ta' Diċembru 2006, li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina wara reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (ĠU L 200M, p. 470)

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) EuroChem Mineral and Chemical Company OAO (EuroChem MCC) għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 117, 26.05.2007

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Frar 2013 — Acron u Dorogobuzh vs Il-Kunsill

(Kawża T-235/08) ⁽¹⁾

(“Dumping — Importazzjonijiet ta' nitrati tal-ammonju li joriġinaw fir-Russja — Talba għal reviżjoni interim parzjali — Valur normali — Prezz għall-esportazzjoni — Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (li saru l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009)”

(2013/C 101/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Acron OAO (Moska, ir-Russja); u Dorogobuzh OAO (Moska) (rappreżentanti: inizjalment P. Vander Schueren, sussegwentement B. Evtimov, avukati, u D. O'Keefe, solicitor)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix u B. Driessen, aġenti, assistiti inizjalment minn G. Berrisch u G. Wolf, avukati, sussegwentement G. Berrisch)

Parti konvenuta insostenn tal-parti rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. van Vliet u K. Talabér-Ritz, aġenti); u Fertilizers Europe (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: B. O'Connor, solicitor, u S. Gubel, avukat)

Suġġett

Rikors għall-annullament parzjali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 236/2008, tal-10 ta' Marzu 2008, li jwaqqaf ir-reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 tad-dazju antidumping fuq importazzjonijiet ta' nitrati tal-ammonju li joriġinaw fir-Russja (ĠU L 75, p. 1)

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Acron OAO u Dorogobuzh OAO huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u Fertilizers Europe.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 209, 15.08.2008